



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2012/0138(NLE)

23.1.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi
(12282/2012 – C7-0200/2012 – 2012/0138(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Paweł Robert Kowal

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-ftehim emendat dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina jintroduċi titjib evidenti fil-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini Ukraini meta mqabbel mal-ftehim attwalment fis-seħħ. Huwa jissimplifika r-rekwiżiti għad-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati minn ċerti applikanti ta' viżi u jespandi l-kategorija ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw minn viża ta' dħul ta' sena jew ħames snin.

Il-kategoriji l-ġodda koperti mill-ftehim emendat jinkludu rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn Stati Membri għal skopijiet ta' taħriġ edukattiv jew konferenzi, parteċipanti fi programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati mill-UE, studenti u studenti fil-livell postuniversitarju, rappreżentanti ta' komunitajiet reliġjużi, persuni li jipparteċipaw għal raġunijiet professjonali f'konferenzi jew seminars organizzati fit-territorju tal-UE; kif ukoll, persuni li għandhom bżonn jidħlu b'mod regolari fl-UE minħabba raġunijiet mediċi u l-persuni li jakkompanjawhom.

Dan għalhekk jikkostitwixxi pass importanti lejn l-istabbiliment ta' reġim ta' vjaġġar mingħajr obbligu ta' viża bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea, kif mixtieq mill-Parlament Ewropew. Huwa wkoll sinjal ċar fil-konfront taċ-ċittadini Ukraini tal-impenn qawwi tal-UE lejn it-tiżiħ tas-sħubija tagħha mas-soċjetà Ukraina u sabiex jiġu żviluppatti u ffaċilitati aktar il-kuntatti bejn il-popli, f'konformità mal-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranini jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pino Arlacchi, Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Ana Gomes, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Francisco José Millán Mon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Mirosław Piotrowski, Bernd Posselt, Fiorello Provera, Libor Rouček, Tokia Saïfi, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Marek Siwiec, Sophocles Sophocleous, Charles Tannock, Inese Vaidere, Sir Graham Watson, Karim Zéribi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Göran Färm, Elisabeth Jeggle, Barbara Lochbihler, Emilio Menéndez del Valle, Teresa Riera Madurell, Potito Salatto, Indrek Tarand, Traian Ungureanu
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Da Graça Carvalho, Jolanta Emilia Hibner, Ivare Padar, Monika Panayotova